# Apprezzament
# P. Guido Farrugia O.P.

Ġużeppi Farrugia twieled il-Belt fil-25 ta' Frar tas-sena 1910. Malli temm l-istudju liċejali fittex li jingħaqad mal-Patrijiet Dumnikani tal-Provinċja Maltija; P. Ġużepp Xuereb xeddlu l-libsa bajda u sewda fil-Knisja tal-Madonna tal-Għar, fir-Rabat, fil-20 ta' Novembru ta' l-1927, u tah l-isem ta' Fra Gwidu. Għamel is-sena tan-novizzjat fil-kunvent tad-dumnikani fir-Rabat, fejn hu pprofessa fil-25 ta' Novembru tas-sena 1928. Hu temm l-istudji filosofiċi u teoloġiċi fil-Kulleġġ ta' S. Tumas, ir-Rabat; ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Lulju ta' l-1934.

Sa minn qabel ma qaddes, P. Gwidu Farrugia fittex li jaqdi dmirijietu kif imiss; kien reliġjuż umli u ubbidjenti, għaraf jilqa' s-slaleb tal-ħajja bil-ferħ u d-daħka fuq fommu; fi ftit kliem kien imżejjen b'karattru tassew ħelu. L-imġiba tiegħu ma' sħabu u l-fidili kienet priedka mill-aktar ħajja; hu ma tbiegħed qatt minn din ix-xorta ta' ħajja reliġjuża, lanqas meta fl-aħħar snin ta' ħajtu kien marid serjament.

P. Farrugia, ftit wara li laħaq saċerdot, intbagħat fid-Dar tan-Nazzarenu, tas-Sliema, fejn baqa' sas-sena 1951; wara, għal ftit snin kien fil-Kulleġġ ta' S. Albert, fil-Belt, u mis-sena 1955 sakemm miet kien fil-Kunvent tal-Madonna ta' Fatima, fi Gwardamanġa. F'dawn il-postijiet hu wettaq diversi uffiċċji : infermier, sagristan maġġur, prokuratur, kunsillier tal-kunvent, u għal xi żmien superjur tad-Dar tan-Nazzarenu, f'tas-Sliema. Diversi drabi l-patrijiet riedu jagħmluh pirjol, iżda dan l-uffiċċju ma kien tajjeb għalih. Meta fuq qalbu qegħduh pirjol tal-kunvent tar-Rabat, wara ftit jiem aċċettaw ir-riżenja tiegħu minħabba saħħtu.

Dan it-twajjeb dumnikan kien dedikat kollu kemm hu għall-appostolat, b'mod partikolari bis-sagrament tal-qrar. Kull fejn kien, kont tarah qisu mekkuk dieħel u ħiereġ mill-konfessjonarju; bosta drabi kien jilqa' t-talba tal-kappillan biex imur iqarar fil-parroċċi, l-aktar fl-Imsida u fil-Gżira, kif ukoll f'diversi skejjel. Kull min kien jafu, dejjem faħħru ħafna għal dan ix-xorta ta' appostolat bla mistrieħ.

P. Gwido jien xempju ta' qlubija kbira fl-appostolat li hu wettaq matul l-aħħar gwerra kbira waqt li kien patri żagħżugħ fid-Dar tan-Nazzarenu, f'Tas-Sliema. Il-kuraġġ u l-ħeġġa li hu wera għall-ġid spiritwali ta' l-erwieħ tfisser tajjeb fil-ktieb id-Dumnikani Maltin fi żmien il-gwerra, 1939 - 1945 (pp. 64 - 65) : "Ma' tlugħ ix-xemx kien ta' sikwit jinstama' d-daqq tas-sirena, imbagħad id-damdim ta' l-ajruplani u l-isparar tal-kanuni. F'dak il-ħin P. Gwido Farrugia kien ikun fi triqtu biex jaqdi dmiru ta' saċerdot fiċ-ċentru ta' l-A.R.P., f'tas-Sliema. Dan iċ-ċentru kien fl-iskola tal-Gvern qrib il-knisja ta' S. Girgor; għalhekk, mill-kunvent tan-Nazzarenu, kellu mixja ġmielha biex imur hemm. Ordinarjament l-A.R.P. ma kellhomx kappillan għalihom bħalma kellhom is-suldati. Kienet inizjattiva personali tas-Sur Charles Jones, bħala superintendent ta' l-A.R.P., li talab lid-dumnikan P. Gwido Farrugia, biex jibda jmur iqararhom u jqaddsilhom. Dan laqa' din it-talba xierqa u kien imur iqaddsilhom kuljum, sajf u xitwa. Barra mill-imseħbin fl-A.R.P., għall-quddiesa kienu jmorru wkoll il-membri tal-korp tad-Demolition and Clearance; b'kollox kienu jkunu madwar mitt ruħ. P. Farrugia ppridkalhom darbtejn l-eżerċizzji spiritwali. Is-Sur C. Jones, M.B.E., faħħar ħafna l-ħidma, l-interess kbir u l-imġiba eżemplari ta' P. Farrugia li qatt ma qata' qalbu mill-ħbit mill-ajru, lanqas meta dan kien aħrax u fil-qrib. Hu wettaq dan l-appostolat għal tliet snin sħaħ sakemm, fl-1943, iċ-ċentru ta' l-A.R.P. ma baqax aktar fl-iskola msemmija".



Fl-aħħar żmien ta' ħajtu, P. Gwido kellu jmur fid-Dar tal-Kleru mwaqqfa mit-twajjeb Mons. S. Grima, fejn is-sorijiet ħadu ħsiebu bl-akbar reqqa; hemm hu ħalla dan il-wied tad-dmugħ, fil-15 ta' April tas-sena 1998. Fil-jum ta' wara, sarlu l-funeral fil-knisja tal-Madonna ta' Fatima, ġewwa Gwardamanġa, b'għadd sabiħ ta' l-aħwa dumnikani. Ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, fil-qabar tal-Provinċja Dumnikana Maltija.

Kummissjoni Festa
Madonna tar-Rużarju ta' Fatima
Gwardamanġa